



Brussell, 28 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

12467/1/23  
REV 1

LIMITE

SCH-EVAL 175  
SCHENGEN 40  
COMIX 381

#### NOTA

|          |                                                                                                                       |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Presidenza                                                                                                            |
| lil:     | Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen / Kunitat Imħallat (UE-Iżlanda, Liechtenstein, Norveġja, Żvizzera) |
| Suġġett: | Il-Governanza ta' Schengen - jidħol fis-seħħ iċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen għall-2023 u l-2024                    |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż verżjoni riveduta tan-nota tal-Presidenza dwar il-Governanza ta' Schengen, wara d-diskussjoni fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen tas-6 ta' Settembru 2023, u l-kummenti sussegwenti ppreżentati mid-delegazzjonijiet.

**NOTA TAL-PRESIDENZA DWAR IL-GOVERNANZA TA' SCHENGEN -****JIDĦOL FIS-SEĦĦ IĊ-ĊIKLU TAL-KUNSILL TA' SCHENGEN GĦALL-2023 u l-2024**

Governanza effettiva ta' Schengen teħtiegż żewġ pilastri: arkitettura effettiva ta' tmexxija politika (il-Kunsill ta' Schengen u l-ħidma preparatorja tiegħu permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen) u ppjanar annwali adatt (iċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen approvat mill-Kunsill fl-2022<sup>1</sup>).

F'Ġunju 2023, fid-dawl tar-rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2023, il-Kunsill ta' Schengen approva sett ta' prijoritajiet għaċ-ċiklu II tal-Kunsill ta' Schengen għall-2023 u l-2024, inkluż il-konsolidazzjoni tal-governanza taż-żona Schengen<sup>2</sup>.

Bħala segwitu, il-Presidenza Spanjola inkludiet diskussjoni inizjali dwar il-prijorità ta' governanza fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen tas-6 ta' Lulju 2023. Wara preżentazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-għodod differenti ta' Schengen u dibattitu fost id-Delegazzjonijiet, il-Grupp ta' Ħidma qabel dwar l-importanza li tinstab it-triq 'il quddiem biex jiġi kkonsolidat ir-rwol tal-Grupp ta' Ħidma u biex iċ-ċiklu jidħol fis-seħħ.

Abbażi ta' dan, il-Presidenza ppreżentat nota li tevalwa l-metodu ta' ħidma għat-tħejjija tal-Kunsill ta' Schengen permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen u li tipproponi pjan ta' ħidma għaċ-ċiklu attwali tal-Kunsill ta' Schengen. Id-dokument ġie elaborat f'konsultazzjoni mal-Presidenza Belġjana li jmiss u ġie diskuss mill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen tas-6 ta' Settembru 2023. Id-delegazzjonijiet setgħu wkoll jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub.

---

<sup>1</sup> 12522/22.

<sup>2</sup> 10059/23.

**I. Inpoġġu l-prijorità ta' governanza tal-Kunsill ta' Schengen fis-seħħ - metodu ta' ħidma għall-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen**

F'Ġunju 2023, il-Kunsill ta' Schengen tenna li l-prevedibbiltà fil-proċess hija importanti biex tiġi żgurata tmexxija politika effettiva, u li d-diskussjonijiet imħejjija sew ser jikkontribwixxu biex il-kwistjonijiet jinftiehm u aħjar, u b'hekk jikkontribwixxu għal fiduċja reċiproka. Għet identifikata l-ħtieġa li l-Kunsill ta' Schengen jiġi kkonsolidat billi jiġi ssimplifikat u antiċipat il-proċess ta' tħejjija tiegħu fl-istanzi tal-Kunsill.

F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li tiġi żgurata ħidma preparatorja adegwata permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen. Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-rwol ta' istanzi oħra tal-Kunsill, li dan il-Grupp ta' Ħidma ma għandux l-intenzjoni li jissostitwixxi iżda li jikkomplementa. Sabiex jinkiseb dan, jenħtieġ li jiġu ċċarati tliet kwistjonijiet.

**a. Attivitàjiet differenti tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen**

Il-grupp ta' Ħidma jkollu diskussjonijiet dwar l-evalwazzjonijiet ta' Schengen u dwar il-funzjonament taż-żona Schengen. Huwa meħtieġ li ssir distinzjoni aħjar bejn il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma li jiffokaw primarjament fuq tali kontenut u dawk li barra minn hekk iħejju d-dibattiti tal-Kunsill ta' Schengen.

F'dan ir-rigward, l-aġenda jenħtieġ li tispeċifika t-tip ta' laqgħa, sabiex ir-rappreżentanza tal-Istati Membri tkun allinjata man-natura, il-kontenut u l-għan tal-punti tal-aġenda.

**b. Parteċipazzjoni tal-Koordinatur ta' Schengen fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen**

Ir-rwol tal-Koordinatur ta' Schengen huwa ta' importanza kbira u ta' valur miżjud għall-governanza ta' Schengen. Għalhekk, il-Koordinatur ta' Schengen għandu jiġi mistieden jattendi l-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen, speċjalment biex jikkontribwixxi għal-laqgħat li jħejju l-Kunsill ta' Schengen.

Dan ser jagħti l-opportunità biex il-Grupp ta' Ħidma jiġi aġġornat mill-Koordinatur ta' Schengen dwar l-attivitajiet tiegħu u dwar l-appoġġ tiegħu għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' kwistjonijiet ewlenin tal-acquis ta' Schengen.

**c. Elementi għal-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen li jħejju l-Kunsill ta' Schengen**

F'dawn il-laqgħat, sabiex jiġi żgurat segwitu tal-prijoritajiet, il-Grupp ta' Ħidma jenħtieġ li jidentifika kwistjonijiet u azzjonijiet għal diskussjoni mill-Ministri, abbażi ta':

1. Data avanzata tal-Barometru ta' Schengen, li għandha tiġi kondiviża mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn ħames ġimgħat qabel il-laqgħat tal-Kunsill ta' Schengen ta' Ottubru 2023, Diċembru 2023 u Marzu 2024.
2. Ir-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen għall-2024, li għandu jiġi kondiviż mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn April 2024, biex tkun tista' ssir it-tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill ta' Schengen ta' Ġunju 2024.
3. Possibbilment diskussjoni approfondita dwar il-prijoritajiet f'kumitat tal-Kunsill jew grupp ta' ħidma settorjali, fejn adatt.
4. Diskussjoni mal-Koordinatur ta' Schengen fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen.
5. Diskussjoni mal-aġenziji tal-UE, kif rilevanti.
6. Nota tal-Presidenza, fejn rilevanti.

Dawn l-elementi ser jiġu kondiviżi mad-Delegazzjonijiet kmieni biżżejjed biex jiġi żgurat dibattitu ta' kwalità.

Ir-riżultati tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen li jħejji l-Kunsill ta' Schengen, f'koordinazzjoni xierqa ma' istanzi oħra tal-Kunsill skont is-suġġett, ser jiġu ppreżentati lill-COREPER bħala parti mill-proċess ta' tħejjija tal-laqgħat tal-Kunsill ĠAI/Schengen.

## **II. Inqiegħdu l-prijoritajiet ta' politika tal-Kunsill ta' Schengen fis-seħħ - pjan ta' ħidma għaċ-Ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen**

Sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' prevedibbiltà, mhuwiex biss meħtieġ li jkun hemm fehim ċar tar-rwol tal-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen, iżda wkoll kalendarju ċar għal kull ċiklu annwali. It-tali kalendarju jenħtieġ jiġi miftiehem bejn il-Presidenzi kkonċernati. Kull laqgħa tal-Kunsill ta' Schengen jenħtieġ tinkludi suġġett ta' diskussjoni konkret wieħed jew aktar identifikati mill-Presidenza, b'kont meħud tal-prijoritajiet maqbula mill-Kunsill ta' Schengen f'Ġunju, kif ukoll il-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-għodda/għodod xierqa ta' Schengen.

Il-Presidenza, f'koordinazzjoni mal-Presidenza Belġjana li jmiss, ħejjiet dan il-pjan ta' ħidma biex tiddeskrivi il-kalendarju/skeda għar-riżultati tanġibbli u l-proċessi ewlenin għaċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen għall-2023 u l-2024. Għalkemm is-suġġetti għad-dibattitu fil-Kunsill ta' Schengen għandhom jiġu determinati mill-Presidenzi differenti, l-oġġettiv tal-pjan ta' ħidma huwa li jiġi żgurat ippjanar effettiv u adegwat tad-dibattiti tal-Kunsill ta' Schengen u li d-Delegazzjonijiet ikunu jistgħu jissorveljaw il-proċess.

### **Laqgħa tal-Kunsill ta' Schengen, 19 ta' Ottubru 2023**

- Enfasi fuq is-suġġett/i magħżul/a mill-Presidenza u ġabra ta' azzjonijiet
- Preżentazzjoni tal-*Barometru ta' Schengen* +
- Tħejjija: 3 ta' Ottubru 2023: Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen

### **Laqgħa tal-Kunsill ta' Schengen, 5 ta' Diċembru 2023**

- Enfasi fuq is-suġġett/i magħżul/a mill-Presidenza u ġabra ta' azzjonijiet
- Preżentazzjoni tal-*Barometru ta' Schengen* +
- Tħejjija: 17 ta' Novembru 2023: Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen

### **Laqgħa tal-Kunsill ta' Schengen, Marzu 2024**

- Enfasi fuq is-suġġett/i magħżul/a mill-Presidenza u ġabra ta' azzjonijiet
- Preżentazzjoni tal-*Barometru ta' Schengen* +
- Distribuzzjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni ta' Schengen (envelops kannella)
- Tħejjija: Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (data għad trid tiġi deċiża)

## **Laqgħa tal-Kunsill ta' Schengen, Ġunju 2024**

- Id-definizzjoni tal-prijoritajiet/oqsma għal impetu addizzjonali għat-12-il xahar li ġejjin – immexxija mill-Presidenza Belġjana f'koordinazzjoni mal-Presidenza Ungeriża futura
- Preżentazzjoni tar-Rapport dwar l-Istat ta' Schengen 2024
- Tħejjija: Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (data għad trid tiġi deċiża)

---